MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Numru 853/2009

Il-Pulizija

(Spettur Robert Said Sarreo)

vs

Charolt Desira

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 324983m akkuzat talli:

1. nhar is-16 ta' Awissu 2009 ghal habta tal-5.50 ta' wara nofsinhar filwaqt li kien Misrah is-Sliem, gewwa Haz-Zabbar, bi vjolenza u b'theddid, geghel lil Ispettur Fabian Fleri u l-kuntestabbli tal-Pulizija 1603 Mario Muscat u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x-taqsam mal-kariga taghhom;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-waqt li kien Misrah is-Sliem, gewwa Haz-Zabbar, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tal-Ispettur Fabian Fleri u l-kuntestabbli tal-Pulizija

1603 Mario Muscat, bhla persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwat li kien f'Misrah is-Sliem, gewwa Haz-Zabbar, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-istess Spettur Fabian Fleri u l-kuntestabbli tal-Pulizija 1603 Mario Muscat, bhala persuni ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li ibezzahhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien f'Misrah is-Sliem, gewwa Haz-Zabbar, volontarjament ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' l-Ispettur Fabian Flesri u l-kuntistabbli tal-Pulizija 1603 Mario Muscat bhala persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti skond kif iccertifikat minn Dr.E Pace Spadaro M.D u minn Dr.Jonathan Callejja M.D rispettivament mit-Taqsima ta' l-Emergenza ta' l-Isptar Mater Dei;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien f'Misrah is-Sliem, gewwa Haz-Zabbar, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;
6. fl-istess cirkustanzi filqawt li kien f'Misrah is-Sliem gewwa Haz-Zabbar volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien f'Misrah is-Sliem, gewwa Haz-Zabbar, qal kliem oxen, indecent u dagha;
8. fl-istess data, lok u cirkostanzi hebb ghal Horace Vella, Kalcidon Vella, Salvina Vella u qraba ohra tal-istess persuni;
9. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza li se tintuza vjolenza kontra taghhom meta kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba ser tikkawza lil haddiehor biza;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9; mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xerqa; mitluba wkoll lio barra li taghti l-piena stabblita mill-ligi tapplika wkoll l-Artikolu 383,384 u 385 tal-Kap 9 ghas-sigurta' tal-persuni fuq indikati.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kontra l-imputat huma ben spiegati fix-xhieda tas-Surgent 91, folio 21 et seq tal-process. Jirrelata s-surgent li kien assenjat jissorvelja funzjoni religjuza mtella mill-parocca tal-knisja ta' Haz-Zabbar. Kien is-16 ta' Awissu 2009 ghal habta tal-5.30pm u hu flimkien mal-Ispettur Fabian Fleri u pulizija ohra kien stazzjonarju quddiem il-kazin ta' St.Patrick fit-Triq is-Santwarju. Fid-daqqa u l-hin kellhom jirrikorru l-kazin tal-banda ta' San Mikiel billi kienet qamet glieda. Fuq barra kien hemm mara b'hafna dmija fuq il-persuna taghha li kienet wegghet fil-glieda li kienet bdiet gewwa l-kazin u tkomplet fuq barra. Ix-xhud  hawnhekk osserva zewg persuni, certu Anton Vassallo maghruf bhala 'it-Tus' u certu Kalcedon, sive Dione, Vella, li kienu qed jiggieldu bil-ponn u oppost taghhom gemgha nies fosthom l-imputat. Ikompli x-xhud li hu intervjena biex waqqaf lil-imsemmija zewg persuni milli jkomplu jiggieldu u wara ftit tal-hin waqt li kien qed jeskorta lill-imsemmi Kalcedon gie l-akkuzat jigri ghal fuqu u ta s-salt lill-Kalcedon. F'dan il-hin intervenew xi pulizja li irnexxilhom jifirduhom. Bhala griehi fuq l-imsemmi Kalcedon ix-xhud osservalu qasma fl-iskutella ta' rasu li pero' irrisultalu li sofriha gewwa l-kazin f'xi hin meta l-imputat ma kienx presenti. Risultat tal-glieda bejn l-imputat u l-imsemmi Kalcedon l-Ispettur Fabian Fleri u Pc1603 sofrew xi griehi iccertifikati bhala hfief. Li irrizultalu wkoll ix-xhud hu illi f'xi hin qabel missier dan Kalcedonio kien agredixxa lill-imputat u kien tah daqqa ta' ponn u l-imputat irritalja billi hebb ghall-ibnu l-imsemmi Kalcedon.

B'referenza ghall-imputat s-Supretendent Carmelo Bartolo spiega li fil-glieda li kienet bdiet gewwa l-Kazin ta' San Mikiel, l-imputat intervjena fiha meta kien ra lil xi membri tal-familja tieghu involuti fil-glieda; spiega is-Supretendent li dak il-hin l-imputat svinkola ruhhu minn mieghu u l-Ispettur Fleri u hebb ghall-imsemmi Kalcedon u gew fl-idejn. Kien hawnhekk li l-imputat irresista fil-hin li l-pulizija intervenew biex jarrestawh. Stqarr li l-Ispettur sofra l-griehi filwaqt li kien qieghed izomm l-imputat waqt li l-griehi fuq il-kuntestabbli sofrihom f'subajh. Fiz-zewg kazi kienu ta' natura hafifa kif xehdu u ikkonfermaw iz-zewg midruba, ossija l-Ispettur Fabian Fleri u Pc 1603 Mario Muscat li mix-xhieda taghhom tinsab ukoll pruvata l-offiza kontravenzjonali enumerata bl-ittra 'E'.

Ix-xhieda tal-imputat u l-istqarrija precedentement minnu rilaxxjata lill-Pulzizija ma jiskostawx minimament r-responsabiltajiet minnu inkorsi fl-incidenti li taw lok ghal dawn il-proceduri. Pjutost, huwa dak li stqarr k-Ispettur Jesmond Borg a favur tal-imputat li din il-Qorti sejra tikkonsidra fl-ghoti tal-piena ghall-offizi li taghhom sejra issibu hati, senjatament, li mill-investigazzjonijiet irrisulta li l-imputat veru kien qieghed inizjalment iferraq sakemm f'hin minnhom qala' daqqa ta' ponn, ivella u tilef il-kontroll tieghu innifsu.

Ghaladqstant, fid-dawl tal fuq premess u l-provi prodotti tiddikjara u ssib l-imputa hati tat-tieni, r-raba, l-hames, s-sitta u t-tmien akkuza. Tilliberah mill-bqija. Rat l-Artikolu 96,221,338(dd), 339(d), 17(d) tal-Kap 9. Tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------